# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 2**

**Avviz numru 404/97 JAB**

**Elmo Insurance Services Ltd bhala rapprezentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance and London Insurance PLC, surrogata bid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Grima.**

**vs**

**Carmel sive Charles Mangion**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Jannar 2000 f'din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici noe ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija sitta u disghin lira sitta u disghin centezmu (Lm596.96c) bhala danni mill-konvenut kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Tas-Sliema

> fit-2 ta' Novembru 1994 meta ziemel bis-serkin li kien fil-kustodja tal-konvenut sfratta u ikkaguna hsara fil-car Nru N-2999, propjeta' ta' Brian Grima, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizija, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
>
> Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Gunju 1995 u dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996, u bl-imghax legali mid-data tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Wara li rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 1999.
>
> Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici noe sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).
>
> Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-13 ta' Lulju 1999 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra."
>
> Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici noe s-somma ta' Lm596.96,0 bl-imghax legli mit-28 ta' Frar 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Gunju 1995 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996."

Minn dik is-sentenza appella l-konvenut permezz ta' rikors tal-appell prezentat fil-31 ta' Jannar 2000, li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata u r-rigett tat-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

Ma jidhirx illi s-socjeta' appellata prezentat risposta tal-appell. Pero' hemm fil-kors tat-trattazzjoni u senjatament fit-22 ta' Mejju 2001, f'seduta stante, hija pprezentat nota ta' riferenza ghal xi gurisprudenza li fil-fehma taghha huma rilevanti.

L-appell essenzjalment huwa dirett lejn il-mod kif l-ewwel Qorti iddisponiet mill-kawza li kellha quddiema in forza tal-kapitoli u in mankanza ta' dehra tal-konvenut, illum appellant, u filwaqt li skartat ghal kollox dak kollu li kien gara qabel fil-proceduri quddiema u senjatament il-fatt illi fost affarijiet ohra kien hemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li fuqha kienu anke ingabu xi provi.

Illi minghajr tlaqliq din il-Qorti ma tistax ma tesprimix il-preokkupazzjoni taghha ghal mod kif jidher illi graw l-eventi quddiem l-ewwel Qorti fejn kawza li bdiet fil-bidu ta' April 1997 giet deciza fil-bidu tas-sena 2000 wara illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1999 kien gie prezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut li dakinhar ma deherx, ghalkemm deher id-difensur tieghu. Kawza li fiha matul is-snin, 1997, 1998, 1999 kienu instemghu diversi provi kemm ghal dak li hu mertu kif ukoll ghal dawk li huma punti legali sollevati mill-konvenut bin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u partikolarment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, anke jekk f'mument minnhom jidher li kien hemm verbalizzat li kien hemm possibbilita' li din l-eccezzjoni tigi rtirata. Imma illi wara li jkun sar dan kollu, u meta l-ligi tassattivament tirrikjedi illi eccezzjoni bhal ma hija dik tal-preskrizzjoni tigi decizi b'kap separat, jigi prezentat kapitolu ghax f'seduta partikolari ma deherx il-konvenut u l-kawza tigi deciza abbazi tal-kapitoli u jigi injorat il-fatt ta' dak kollu li jkun gara, ghal din il-Qorti huwa inaccettabbli jew mhux inspjegabbli. Fil-fehma taghha, taht ebda

cirkostanza, per ezempju, ma jista' jinghad illi l-fatt gew prezentati kapitoli fit-13 ta' Lulju 1999 ghas-subizzjoni tal-konvenut li huwa debitur lejn l-attur fl-ammont u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, jhassar l-effetti ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni una volta din inghatat qabel u kienu saru l-provi fuqha.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx illi hija f'posizzjoni illi tikkondona dak illi gara fil-Prim'istanza u ghalhekk sejra tghaddi biex tirrevoka s-sentenza appellata. Fuq kollox taghmel ukoll riferenza ghan-nota ta' riferenza prezentata mill-istess socjeta' appellata li fid-Dok A taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Theresa Dimech vs Dun Antonio Mallia tal-4 ta' Novembru 1873, li fiha skond l-istess dokument "questions (kapitoli) point by reference to the oath of the other party (subizzjoni) cannot be allowed if presented <u>after</u> defendant has pleaded a short prescription indicated in section 2160 Civil Code".

Din il-Qorti m'ghandix xi zzid u konsegwentement qeghda prezenzjalment tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata peress illi ma ddecidietx il-kwistjoni tal-preskrizzjoni b'kap separat kif hu rikjest mil-ligi u konsegwentement tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u d-decizjoni eventwali skond il-ligi.

L-ispejjez kemm tal-Prim'istanza kif ukoll ta' din l-istanza, stante c-cirkostanzi, partikolarment minhabba li jidher li l-izball procedurali huwa

attribwibbli ghall-ewwel Qorti, u fuq il-principju li error iudicis error partis jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

Dep/Reg

mg